Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,794, 22 ta' Lulju, 2005
Taqsima B

A.L. 268 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Euro-Mediterranean Centre for Educational Research;

"iċ-Ċentru" tfisser il-Euro-Mediterranean Centre for Educational Research ta' l-Universita' ta' Malta;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2005 jew wara.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li jkollhom waħda mill-kwalifiki li ġejjin:

(a) grad ta' Bachelor bl-Unuri b'mill-inqas it-Tieni Klassi bl-Unuri f'qasam ta' studju li l-Bord iqis rilevanti għal dak magħżul fil-Kors; jew

(b) grad ta' Bachelor b'mill-inqas Kategorija IIA u grad medju B f'qasam ewlieni ta' studju li l-Bord iqis rilevanti għal dak magħżul fil-Kors; jew

(ċ) grad minn din l-universita' jew minn universita' oħra li l-Bord iqis komparabbli mal-gradi indikati fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan ir-regolament.

(2) Is-Senat, fuq il-parir tal-Bord, jista' jillimita l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu fil-Kors skond ir-riżorsi disponibbli. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jkun imħabbar qabel il-bidu tal-Kors. Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli mill-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jintgħażlu wara intervista mill-Bord ta' l-Istudji. Normalment jingħataw preferenza gradwati fl-Education Studies, inklużi dawk li wara l-ewwel grad tagħhom ikunu għamlu studji wara l-ewwel grad fl-edukazzjoni (bħall-Postgraduate Certificate in Education).

(3) L-applikanti għandhom jissodisfaw lill-Bord dwar il-profiċjenza tagħhom fl-Ingliż, skond kif applikabbli.

(4) L-istudenti eliġibbli għar-reġistrazzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jissodisfaw xi kundizzjonijiet oħra, inkluż li jsegwu taqsimjiet studju żejda kif rikjest mill-Bord, wara li jqabbel l-istudji li għamlu qabel mal-Kors.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq tnax-il xahar ta' studju fuq bażi *full-time* jew erba' semestri ta' studju fuq bażi *part-time*.

(2) F'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-istudenti jistgħu jitħallew mill-Bord itemmu l-Kors fi żmien massimu ta' erba' semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew sitt semestri ta' studju fuq bażi *part-time* wara r-reġistrazzjoni.

(3) L-istudenti fuq bażi *part-time* huma meħtieġa jirreġistraw fil-bidu ta' kull sena akkademika.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu żewġ komponenti kif ġej:

(a) komponent mgħallem, li jikkonsisti f'għadd ta' taqsimiet studju, li għalihom hemm assenjati 55 kredtu ECTS; u

(b) komponent ta' riċerka, li jwassal għall-preżentazzjoni ta' dissertazzjoni, miktuba taħt superviżjoni, li għaliha hemm assenjati 35 kredtu ECTS.

(2) Il-komponent mgħallem tal-Kors ikopri programm komuni obbligatorju li jinkludi taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 35 kredtu ECTS, u programm ta' studji speċjalizzat rilevanti għar-riċerka għad-dissertazzjoni ta' l-istudenti li jinkludi taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 20 kredtu ECTS. Iż-żewġ komponenti jkunu mfassla biex jagħtu attenzjoni speċjali lill-temi fl-edukazzjoni fl-Ewropa u fil-Mediterran.

Il-Programm ta' Studji u l-Katalgu ta' Taqsimiet Studju

6. (1) Il-Bord għandu jħejji l-programm ta' studji għall-Kors li għandu jindika liema taqsimiet studju għandhomm jittieħdu f'kull semestru, liema taqsimiet studju huma obbligatorji, liema għandhom jittieħdu flimkien jew qabel taqsimiet studju oħra. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studji għall-Kors qabel il-bidu tiegħu, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

(2) Il-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, l-għadd ta' kredti assenjati għal kull taqsima studju, il-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni, u l-lettur li jgħallem it-taqsima studju għandhom ikunu ppubblikati f'katalgu ta' taqsimiet studju, li jkun ippubblikat mill-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Valutazzjoni

7. (1) Ir-riżultati tal-valutazzjoni tat-taqsimiet studju u tad-dissertazzjoni għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad kif indikat fit-tabella hawn taħt:

Firxa ta' Marki	Grad
80% - 100%	A
70% - 79%	B
55% - 69%	C
45% - 54%	D
0 - 44%	F

Kemm il-marka perċentwali kif ukoll il-grad għandhom ikunu mniżżla fir-rekord akkademiku ta' l-istudenti. Madankollu, il-marka perċentwali biss għandha tintuża biex tkun ikkalkulata l-klassifikazzjoni finali tal-Grad.

(2) L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju jerġgħu jiġu eżaminati f'sessjoni supplimentari darba biss. Il-valutazzjoni supplimentari normalment issir bl-istess

mod ta' valutazzjoni bħall-ewwel valutazzjoni. Fil-valutazzjoni supplimentari, l-ogħla marka u grad li jistgħu jingħataw huma 45% - grad D.

(3) Jekk ma jgħaddux fil-valutazzjoni supplimentari, l-istudenti ma jistgħux ikomplu l-Kors, ħlief f'ċirkostanzi speċjali u bil-permess tas-Senat.

(4) L-istudenti ma jitħallewx jerġgħu jkunu valutati mill-ġdid f'taqsima studju jekk huma jkunu diġa' ingħataw kredtu/i għaliha.

Id-Dissertazzjoni

8. (1) L-istudenti kollha għandhom jissottomettu t-titlu u proposta dettaljata ta' riċerka għad-dissertazzjoni fi żmien xahrejn mir-reġistrazzjoni tagħhom għall-Kors, fil-format speċifikat fil-Linji Gwida li l-Bord iħejji għal dan il-għan.

(2) Id-dissertazzjonijiet għandhom ikunu xogħol oriġinali jew espressjoni ordnata u kritika ta' data eżistenti dwar suġġett partikolari, u għandha tissodisfa liċ-Ċentru dwar il-lingwa u l-preżentazzjoni.

(3) Id-dissertazzjonijiet għandhom ikunu bejn il-25,000 u t-30,000 kelma.

(4) L-ebda dissertazzjoni ma tiġi aċċettata jekk tkun identika ma' xi dissertazzjoni diġa' imdaħħla għal xi grad f'din jew f'xi universita' oħra. Madankollu, l-istudenti m'għandhomx ikunu mwaqqfa milli jinkorporaw xi xogħol għal xi dissertazzjoni diġa' ippreżentata jekk ikun neċessarju għall-preżentazzjoni u għal ftehim aħjar ta' l-espożizzjoni tagħhom, sakemm li n-natura u l-volum tax-xogħol inkorporat ikunu indikati b'mod ċar fid-dissertazzjoni nnifisha.

(5) Il-Bord għandu jaħtar superviżur għal kull student. L-istudenti huma meħtieġa jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom. Is-superviżuri jistgħu jirreferu lill-Bord l-istudenti li huma jqisu x-xogħol tagħhom mhux sodisfaċenti u għandhom jirreferu għall-approvazzjoni tal-Bord xi tibdil sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni. L-ebda dissertazzjoni ma għandha tkun mogħtija għall-eżami lill-Bord ta' l-Eżaminaturi mingħajr ċertifikat, iffirmat mis-superviżur, li jikkonferma l-oriġinalita' tax-xogħol u li taqbel ma' dawn ir-regolamenti.

(6) Id-dissertazzjonijiet għandhom jinkludu dikjarazzjoni ffirmata mill-istudenti li hija x-xogħol oriġinali tagħhom.

(7) L-istudenti huma meħtieġa joqogħdu għal eżami *viva voce* dwar id-dissertazzjoni tagħhom u dwar il-qasam ġenerali ta' għerf li għandha x'taqsam miegħu.

(8) L-istudenti għandhom jgħaddu mid-dissertazzjoni. L-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom ma tilħaqx il-livell mixtieq jistgħu jitħallew mill-Bord, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Eżaminaturi, jerġgħu jissottomettuha f'forma

riveduta, f'perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur mid-data minn meta tkun riferuta lura lilhom.

(9) Kull dissertazzjoni għandha tkun eżaminata minn Bord ta' l-Eżaminaturi, magħmul mill-inqas minn tliet membri, li wieħed minnhom għandu normalment ikun eżaminatur barrani minn universita' oħra.

(10) Id-dissertazzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-linji gwida rilevanti dwar il-format u l-preżentazzjoni, kif indikat mill-Bord għal dan il-għan.

L-Għoti tar-Rikonoxximent

9. (1) Il-klassifikazzjoni finali ta' kull student għandha tqis il-marki kollha miksuba fil-valutazzjoni tal-komponenti mgħallma u ta' riċerka tal-Kors, li jingħataw piż skond l-għadd ta' kredti assenjati għal kull wieħed.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.